**QORTI KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. JOSEPH G. GALEA DEBONO B.A., LL.D.**

**Att. T'Akkuza 11/2005**

**Ir-Repubblika ta Malta**
**Vs**
**Jason Zammit**

Illum, 29 ta' Marzu, 2006

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 11 tas-sena 2005 kontra l-akkuzat Jason Zammit, li bih huwa gie akkuzat talli:

1) Wara li l-Avukat Generali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, ppremetta fl-Ewwel Kap illi :-

   Fl-ahjar ta' zghozitu, Jason Zammit, imlaqqam il-Pajsu, kellu perjodu twil ikrah fejn spicca ikun involut fit-tmexxija w traffikar tal-medicini perikoluzi. L-ewwel medicina perikoluza in kwistjoni kienet dik tal-herojina, w it-tmexxija taghha da parti ta' Jason Zammit gara f'perjodu maqsum fi tnejn, u cioe' bejn Frar tas-sena elf disa' mija seba w disghin (1997) u Mejju tas-sena elf disa' mija tmienja w disghin (1998) u mbaghad bejn Lulju tal-imsemmija sena 1998 u Jannar tas-sena elfejn (2000).

   Jason Zammit kien, f'dan il-perjodu, mexxa l-herojina f'diversi okkazzjonijiet billi kien iforni w jipprokura, w joffri li jforni w jipprokura l-imsemmija herojina lil diversi persuni. Dan kien jigri normalment billi dak li jkun kien jikkuntattja lil Jason Zammit fuq it-telefon cellulari tieghu bin-numru 0947 7752 jew iehor bin-numru 097 0240 sabiex dana jipprovdilu l-herojina, w Jason Zammit kien imur fil-vicinanzi jew tal-Kwartieri Generali tal-Partit Nazzjonalista, jew hdejn l-iskola tal-Hamrun jew inkella hdejn il-kazin tal-Futbol tal-Pieta', postijiet fejn normalment jiltaqghu zghazagh, u hemmhekk jigi xjentement fil-pussess tal-istess herojina sabiex imbaghad imexxiha lil terzi bi qliegh. Jason Zammit kien imexxi pakketti bil-prezz ta' hmistax, ghaxar jew hames Liri il-wiehed, u biex jaghmel hekk kien jinqeda anke b'mutur tal-marka Typhoo.

Izda, fortunatament, dan it-traffikar fl-herojina ta' Jason Zammit gie sfrattat mill-Pulizija li mill-istharrig taghhom tal-inqas nies zghazagh bhal Danko Olege, Conrad Agius, Dorian Zerafa, Tracey Carter, Shawn Armeni, Karl Portelli u *omissis* kienu nqdew bis-sahha w intervent ta' Jason Zammit.

Id-droga herojina msemmija hija droga specifikata fl-ewwel Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi. Illi l-imsemmi Jason Zammit la kellu licenzja mill-President ta' Malta ghall-eghmil tieghu w anqas kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija. Inoltre Jason Zammit ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija w ma kellux licenzja w anqas kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija. L-istess Jason Zammit ma kellux licenzja li jipprokura l-istess droga.

Illi b'eghmilu, l-imsemmi Jason Zammit sar hati talli forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga herojina specifikata fl-ewwel Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) lil persuna jew ghal xi persuna minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta w minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija w minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga; b'dan li r-reat sar b'diversi atti maghmula w li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, u b'dan ukoll li r-reat sar fi, jew gewwa distanza ta' 100 metru mill-perimetru ta' skola, club jew centru taz-zghazagh, jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Jason Zammit hati talli forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga herojina specifikata fl-Ewwel Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) lil persuna jew ghal xi persuna minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta w minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija w minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga; b'dan li r-reat sar b'diversi atti maghmula w li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, u b'dan ukoll li r-reat sar fi, jew gewwa distanza ta' 100 metru mill-perimetru ta' skola, club jew centru taz-zghazagh, jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh.

U peress li, fil-perjodu kontemplat fit-termini tal-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali, Jason Zammit kien ga' gie ddikjarat u misjub hati tad-delitt tas-serq aggravat kif ukoll tad-delitt ta' pussess ta' medicini perikoluzi taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu, skond sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta moghtija fit-18 ta' Marzu, 1997 u fit-12 t'Ottubru, 1999, rispettivament, l-Avukat Generali qieghed jaddebitah bir-recidiva.

Barra minn hekk, l-Avukat Generali akkuza lill-istess Jason Zammit li kiser il-kundizzjoni mposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta b'sentenza tas-26 ta' Gunju, 1998, li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena minn dak in-nhar, meta lliberatu b'kundizzjoni mill-akkuza ta' pussess ta' medicina perikoluza (herojina).

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u li jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru w multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (LM1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (LM50,000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(ii),

22(2)(b)(i) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u r-regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) u fl-artikoli 17(b), 23, 18, 31, 20, 49, 50 u 533 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll fl-artikoli 5, 9, 10 u 11 tal-Kapitolu 152, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

2) Wara li l-Avukat Generali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, ppremetta fit-Tieni Kap illi kull darba li Jason Zammit kien iforni w jipprokura l-herojina lil terzi persuni fil-vicinanzi tal-Kwartieri Generali tal-Partit Nazzjonalista, tal-iskola tal-Hamrun, tal-kazin tal-Futbol tal-Pieta' w bnadi ohra, u dan fil-perjodu ta' bejn Frar tas-sena elf disa' mija seba w disghin (1997) u Mejju tas-sena elf disa' mija tmienja w disghin (1998) u mbaghad bejn Lulju tal-imsemmija sena 1998 u Jannar tas-sena elfejn (2000), huwa kien ikun xjentement fil-pussess tal-istess droga herojina.

Jason Zammit kien ikun fil-pussess xjenti tal-imsemmija herojina f'diversi okkazzjonijiet, u dak il-pussess kien biss mezz u stadju wiehed sabiex ikun jista' jmexxi d-droga f'idejn terzi kif aktar elaborat u allegat fl-ewwel kap.

Id-droga herojina msemmija hija droga specifikata fl-ewwel Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi. Illi l-imsemmi Jason Zammit la kellu licenzja mill-President ta' Malta ghall-eghmil tieghu w anqas kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita' moghtija mill-Pressident ta' Malta li jforni d-droga msemmija. Inoltre Jason Zammit ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Princiapli tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija w ma kellux licenzja w anqas kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija. L-istess Jason Zammit ma kellux licenzja li jipprokura l-istess droga.

Illi b'eghmilu l-imsemmi Jason Zammit sar hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina li ghalija tapplika t-Taqsima IV u V tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap. 101) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi 1939 (Kap. 101) u meta ma

kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija w ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta w ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija; b'dan, li r-reat kien wiehed taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu; b'dan ukoll, li r-reat sar b'diversi atti maghmula w li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, u b'dan ukoll, li r-reat sar fi, jew gewwa distanza ta' 100 metru mill-perimetru ta' skola, club jew centru taz-zghazagh, jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Jason Zammit hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina li ghalija tapplika t-Taqsima IV u V tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap. 101) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi 1939 (Kap. 101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija w ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta w ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija; b'dan, li r-reat kien wiehed taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu; b'dan ukoll, li r-reat sar b'diversi atti maghmula w li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, ukoll jekk fi zminijiet differenti u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, u b'dan ukoll li r-reat sar fi, jew gewwa distanza ta' 100 metru mill-perimetru ta' skola, club jew centru taz-zghazagh, jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh.

U peress li, fil-perjodu kontemplat fit-termini tal-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali, Jason Zammit kien ga' gie ddikjarat u misjub hati tad-delitt tas-serq aggravat kif ukoll tad-delitt ta' pussess ta' medicini perikoluzi taht tali cirkostanzi li juru li dak il-

pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu, skond sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta moghtija fit-18 ta’ Marzu, 1997 u fit-12 t’Ottubru, 1999, rispettivament, l-Avukat Generali qieghed jaddebitah bir-recidiva.

Barra minn hekk, l-Avukat Generali akkuza lill-istess Jason Zammit li kiser il-kundizzjoni mposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta b’sentenza tas-26 ta’ Gunju, 1998, li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena minn dak inhar meta lliberatu b’kundizzjoni mill-akkuza ta’ pussess ta’ medicina perikoluza (herojina).

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u li jigi kkundannat ghal piena ta’ prigunerija ghal ghomru w multa ta’ mhux inqas minn elf lira Maltija (LM1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (LM50,000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta’ kull flejjes jew propjeta’ mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(ii), 22(2)(b)(i) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u r-Regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini perikoluzi (G.N. 292/39) u fl-artikoli 23, 18, 31, 20, 49, 50 u 533 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll fl-artikoli 5, 9, 10 u 11 tal-Kapitolu 152, jew ghal kull piena ohra li tista’ skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

3) Wara li l-Avukat Generali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, ppremetta fit-Tielet Kap illi minbarra s-sehem tieghu fit-tmexxija tal-medicina perikoluza herojina, Jason Zammit kien involut ukoll fit-tmexxija tal-medicina perikoluza l-ohra l-kokajina, w dana gara regolarment bejn Frar u Awissu tas-sena 1997.

Fit-tmexxija tal-kokajina Jason Zammit kien jahdem bl-istess mod bhal fl-herojina, w cioe’ billi kien iforni w jipprokura w joffri li jforni w jipprokura l-imsemmija kokajina lil diversi persuni. Dan kien jigri normalment billi dak li jkun kien jikkuntattja lil Jason Zammit fuq it-telefon cellulari tieghu bin-numru 0947 7752 jew iehor bin-numru 097 0240 sabiex dana jipprovdilu l-herojina, u Jason Zammit kien imur fil-vicinanzi jew tal-Kwartieri Generali tal-Partit Nazzjonalista, jew hdejn l-iskola tal-Hamrun jew inkella hdejn il-Kazin tal-Futbol tal-Pieta’, postijiet fejn normalment jiltaqghu zghazagh, u hemmhekk jigi xjentement fil-pussess tal-istess

kokajina sabiex imbaghad imexxiha lil terzi bi qliegh. Biex jaghmel hekk kien jinqeda ghal darb'ohra b'mutur tal-marka Typhoo.

Izda, fortunatament, dan it-traffikar fil-kokajina ta' Jason Zammit gie sfrattat mill-Pulizija li mill-istharrig taghhom tal-inqas nies zghazagh bhal Jason Busuttil, David Bonnici u Guzeppi Caruana, kif ukoll uhud minn dawk iz-zghazagh li wkoll xtraw herojina minghandu, kienu inqdew bis-sahha w intervent ta' Jason Zammit.

Id-droga kokajina msemmija hija droga specifikata fir-Raba Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi. Illi l-imsemmi Jason Zammit la kellu licenzja mill-President ta' Malta ghall-eghmil tieghu w anqas kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija. Inoltre Jason Zammit ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija w ma kellux licenzja w anqas kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija. L-istess Jason Zammit ma kellux licenzja li jipprokura l-istess droga.

Illi b'eghmilu, l-imsemmi Jason Zammit sar hati talli forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina specifikata fir-Raba Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) lil persuna jew ghal xi persuna minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta w minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija w minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga; b'dan, li r-reat sar b'diversi atti maghmula w li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u b'dan ukoll, li r-reat sar fi, jew gewwa distanza ta' 100 metru mill-perimetru ta' skola, club jew centru taz-zghazagh, jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Jason Zammit hati talli forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina specifikata fir-Raba Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) lil persuna jew ghal xi persuna minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta w minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija w minghajr ma kellu licenzja jew xort-ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga; b'dan, li r-reat sar b'diversi atti maghmula w li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, u b'dan ukoll, li r-reat sar fi, jew gewwa distanza ta' 100 metru mill-perimetru ta' skola, club jew centru taz-zghazagh, jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh.

U peress li, fil-perjodu kontemplat fit-termini tal-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali, Jason Zammit kien ga' gie ddikjarat u misjub hati tad-delitt tas-serq aggravat kif ukoll tad-delitt ta' pussess ta' medicini perikoluzi taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu, skond sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta moghtija fit-18 ta' Marzu, 1997 u fit-12 t'Ottubru, 1999, rispettivament, l-Avukat Generali qieghed jaddebitah bir-recidiva.

Barra minn hekk, l-Avukat Generali akkuza lill-istess Jason Zammit li kiser il-kundizzjoni mposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta b'sentenza tas-26 ta' Gunju, 1998, li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena minn dak inhar, meta lliberatu b'kundizzjoni mill-akkuza ta' pussess ta' medicina perikoluza (herojina).

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u li jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru w multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (LM1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (LM50,000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwahom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(ii),

22(2)(b)(i) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u r-regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) u fl-artikoli 17(b), 23, 18, 31, 20, 49, 50 u 533 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll fl-artikoli 5, 9, 10 u 11 tal-Kapitolu 152, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

4) Wara li l-Avukat Generali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, ppremetta fir-Raba Kap illi kull darba li Jason Zammit kien iforni w jipprokura l-medicina perikoluza kokajina lil terzi persuni fil-vicinanzi tal-Kwartieri Generali tal-Partit Nazzjonalista, jew hdejn l-iskola tal-Hamrun jew inkella hdejn il-kazin tal-Futbol tal-Pieta', postijiet fejn normalment jiltaqghu zghazagh, u dana fil-perjodu ta' bejn Frar u Awissu tas-sena 1997, huwa kien ikun xjentement fil-pussess tal-istess droga kokajina.

Jason Zammit kien ikun fil-pussess xjenti tal-imsemmija kokajina f'diversi okkazjonijiet u dak il-pussess kien biss mezz u stadju wiehed sabiex ikun jista' imexxi d-droga kokajina f'idejn terzi.

Id-droga kokajina msemmija hija droga specifikata fir-Raba Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi. Illi l-imsemmi Jason Zammit la kellu licenzja mill-President ta' Malta ghall-eghmil tieghu u anqas kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija. Inoltre Jason Zammit ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija w ma kellux licenzja w anqas kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija. L-istess Jason Zammit ma kellux licenzja li jipprokura l-istess droga.

Illi b'eghmilu l-imsemmi Jason Zammit sar hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina li ghalija tapplika t-Taqsima IV u V tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap. 101) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi 1939 (Kap. 101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija w ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta w ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi

(G.N. 292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija; b'dan, li r-reat kien wiehed taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu; b'dan li r-reat sar b'diversi atti maghmula u li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, ukoll jekk fi zminijiet differenti u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, u b'dan ukoll, li r-reat sar fi, jew gewwa distanza ta' 100 metru mill-perimetru ta' skola, club jew centru taz-zghazagh, jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali akkuza lill-imsemmi Jason Zammit hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina li ghalija tapplika t-Taqsima IV u V tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap. 101) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi 1939 (Kap. 101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija w ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta w ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija; b'dan, li r-reat kien wiehed taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu; b'dan ukoll, li r-reat sar b'diversi atti maghmula w li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, u b'dan ukoll, li r-reat sar fi, jew gewwa distanza ta' 100 metru mill-perimetru ta' skola, club jew centru taz-zghazagh, jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh.

U peress li, fil-perjodu kontemplat fit-termini tal-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali Jason Zammit kien ga' gie ddikjarat u misjub hati tad-delitt tas-serq aggravat kif ukoll tad-delitt ta' pussess ta' medicini perikoluzi taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu, skond sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta moghtija fit-18 ta' Marzu, 1997 u fit-12 t'Ottubru, 1999, rispettivament, l-Avukat Generali qieghed jaddebitah bir-recidiva.

Barra minn hekk, l-Avukat Generali akkuza lill-istess Jason Zammit li kiser il-kundizzjoni mposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta b'sentenza tas-26 ta' Gunju, 1998, li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena minn dak inhar, meta lliberatu b'kundizzjoni mill-akkuza ta' pussess ta' medicina perikoluza (herojina).

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u li jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru w multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (LM1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (LM50,000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(ii), 22(2)(b)(i) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u r-Regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) u fl-artikoli 23, 18, 31, 20, 49, 50 u 533 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll fl-artikoli 5, 9, 10 u 11 tal-Kapitolu 152, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni;

Rat ir-rikors tal-21 ta' Marzu, 2006, ipprezentat mill-Avukat Generali u mill-akkuzat Jason Zammit, fejn, a tenur tal-artikolu 453A (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta , talbu li, fl-eventwalita' ta' ammissjoni da parti tal-akkuzat Jason Zammit, il-piena li ghandha tigi nflitta fuqu ghandha tkun ta' prigunerija ghall-periodu ta' tnax (12) il-sena w multa ta' tnax il-elf lira Maltin (LM12,000), oltre s-sanzjonijiet u konsegwenzi ohra tassattivi ghad-dikjarazzjoni ta' sejbien ta' htija ai termini tad-dispozizzjonijiet tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta , inkluz il-konfiska ta' kwalunkwe flejjez u tal-proprjeta' immobbli u mobbli tal-istess akkuzat.

Rat illi waqt is-seduta tal-lum, wara li l-Qorti spjegat lill-akuzat bi kliem car x'ikunu il-konsegwenzi tat-talba tieghu kontenuta fir-rikors fuq imsemmi, l-akkuzat, mistoqsi jekk huwiex hati skond l-Att tal-Akkuza, wiegeb billi stqarr li huwa kien hati tar-reati hemm dedotti kontra tieghu;

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-twegiba w taghtu ftit taz-zmien biex jerga lura minnha, kif obbligata li

taghmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-akkuzat baqa' jtenni t-twegiba li huwa kien hati.

Tiddikjara ghalhekk lil **Jason Zammit,** recidiv**,** hati talli:-

1. F' tal-Pieta' u bnadi ohra f' Malta, bejn Frar 1997 u Mejju 1998 u mbaghad bejn Lulju 1998 u Jannar 2000, forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga herojina specifikata fl-Ewwel Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) lil persuna jew ghal xi persuna minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta w minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija w minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga; b'dan li r-reat sar b'diversi atti maghmula w li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, u b'dan ukoll li r-reat sar fi, jew gewwa distanza ta' 100 metru mill-perimetru ta' skola, club jew centru taz-zghazagh, jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh, kif ukoll li kiser il-kundizzjoni mposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta b'sentenza tas-26 ta' Gunju, 1998, li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena minn dak in-nhar, meta lliberatu b'kundizzjoni mill-akkuza ta' pussess ta' medicina perikoluza (herojina) u dan skond l-ewwel kap tal-Att ta' l-Akkuza.

2. f'tal-Pieta' u bnadi ohra f' Malta, fl-istess zmienijiet imsemmija fil-kap precedenti ta' l-Att ta'l-Akkuza, kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina li ghalija tapplika t-Taqsima IV u V tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap. 101) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi 1939 (Kap. 101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija w ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta w ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi

awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija; b'dan, li r-reat kien wiehed taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu; b'dan ukoll, li r-reat sar b'diversi atti maghmula w li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, u b'dan ukoll, li r-reat sar fi, jew gewwa distanza ta' 100 metru mill-perimetru ta' skola, club jew centru taz-zghazagh, jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh, kif ukoll li kiser il-kundizzjoni mposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta b'sentenza tas-26 ta' Gunju, 1998, li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena minn dak in-nhar, meta lliberatu b'kundizzjoni mill-akkuza ta' pussess ta' medicina perikoluza (herojina) u dan skond it-tieni Kap tal-Att tal-Akkuza;

3. f' Tal-Pieta' u bnadi ohra f' Malta, bejn Frar u Awwissu ,1997, forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina specifikata fir-Raba' Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) lil persuna jew ghal xi persuna minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta w minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija w minghajr ma kellu licenzja jew xort-ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga; b'dan li r-reat sar b'diversi atti maghmula w li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, u b'dan ukoll li r-reat sar fi, jew gewwa distanza ta' 100 metru mill-perimetru ta' skola, club jew centru taz-zghazagh, jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh, kif ukoll li kiser il-kundizzjoni mposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta b'sentenza tas-26 ta' Gunju, 1998, li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena minn dak in-nhar, meta lliberatu b'kundizzjoni mill-akkuza ta' pussess ta' medicina perikoluza (herojina) u dan skond it-tielet Kap tal-Att tal-Akkuza;

4. f' Tal-Pieta' u bnadi ohra f' Malta, bejn Frar u Awissu tas-sena 1997 kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina li ghalija tapplika t-Taqsima IV u V tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap. 101) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi 1939 (Kap. 101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija w ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta w ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija; b'dan, li r-reat kien wiehed taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu; b'dan ukoll, li r-reat sar b'diversi atti maghmula w li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, u b'dan ukoll, li r-reat sar fi, jew gewwa distanza ta' 100 metru mill-perimetru ta' skola, club jew centru taz-zghazagh, jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh, kif ukoll li kiser il-kundizzjoni mposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta b'sentenza tas-26 ta' Gunju, 1998, li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena minn dak in-nhar, meta lliberatu b'kundizzjoni mill-akkuza ta' pussess ta' medicina perikoluza (herojina) u dan skond ir-raba' Kap tal-Att tal-Akkuza;

Rat il-fedina penali tal-hati;

Rat il-verbal li bih il-Prosekuzzjoni w d-Difiza qablu li, ghall-fini tal-piena, r-reat taht it-tieni kap ta' l-Att ta' l-Akkuza serva bhala mezz sabiex seta' jigi kommess ir-reat taht l-ewwel kap u r-reat taht ir-raba' kap serva bhala mezz biex seta' jigi kommess ir-reat taht it-tielet kap, a tenur tal-artikolu 17 (h) tal-Kodici Kriminali.

Rat illi l-Prosekuzzjoni w d-difiza qablu dwar il-piena li ghandha tinghata lill-hati f' dan il-kaz liema piena hija ndikata fir-rikors taghhom konguntiv fuq imsemmi;

Ikkonsidrat;

Li, wara li hadet kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz konformement mad-dispozizzjonijiet tal-proviso tal-artikolu 22(2)(a)(i)(aa) tal-Kap.101, u senjatament l-eta' tal-hati, l-kondotta ta' qabel tal-hati, l-kwantita' tal-medicina w x-xorta w l-kwantita' tat-taghmir jew materjal, jekk ikun il-kaz, involuti fir-reati u c-cirkostanzi l-ohra kollha tar-reat, kif ukoll sentenzi recenti fejn kien hemm ammissjoni bikrija ta' reati simili, hija sodisfatta li l-kombinazzjoni ta' sanzjonijiet u mizuri mitluba fir-rikors konguntiv fuq imsemmi huma tali li jkun legittimu illi hija timponi mas-sejbien ta' htija ghar-reati li dwarhom il-hati ammetta l-htija tieghu w peress li ma hemmx raguni ohra skond il-ligi biex din il-Qorti tordna li jitkompla li jsir il-guri tal-kaz, jidher li din il-Qorti ghandha tghaddi biex taghti s-sentenza lilha indikata mill-partijiet.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 9, 10(1), 12, 14(1), 20, 22 (1)(a)(f)(1B)(2)(a)(i)(aa)(3A)(c)(d) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), u r-Regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) u l-artikoli 17(b)(h), 18, 23, 31, 49, 50, 453A u 533 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-artikoli 5 u 10 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta,

Tikkundanna lill-hati **Jason Zammit, kif mitlub mill-partijiet a tenur tal-artikolu 453A tal-Kap. 9,** ghall-piena komplessiva ta' tnax (12) il-sena prigunerija – li minnhom irid jitnaqqas kull zmien li hu ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni mar-reati hawn minnu ammessi - u ghall-multa ta' tnax il-elf lira Maltin (LM 12,000), li jekk ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mill-lum jigu konvertiti fi tnax (12) il-xahar prigunerija skond il-ligi vigenti w applikabbli, kif ukoll tikkundannah ihallas is-somma ta' sitta w ghoxrin Liri Maltin u hamsa w sebghin centezmi (LM 26.75c) rapprezentanti l-ispejjez tal-perizji inkorsi f'dan il-process, u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali; u tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-hati

Inoltre, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b'nota - li ghandha tigi prezentata fi zmien hmistax il-jum mil-lum - li d-droga esebita hija mehtiega in konnessjoni ma xi

proceduri kriminali kontra terzi persuni, tordna li d-droga kollha esebita w l-affarijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha jigu distrutti a kura tal-Ispizjar Mario Mifsud u taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur ta' din il-Qorti, li ghandu jaghmel verbal ta' tali distruzzjoni w jgibu a konjizzjoni ta' din il-Qorti b'nota appozita li kopja taghha tigi notifikata lill-Avukat Generali u lill-hati.

Finalment tordna li l-hati jerga' jintbaghat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex din tittratta mieghu ghall-ksur tal-kondizzjoni imposta fuqu bis-sentenza taghha tas-26 ta' Gunju, 1998, li tinsab a fols. 140 sa 142 (Vol. I) tal-process, skond l-artikoli 5 u 10 tal-Kap.152 tal-Ligijiet ta'Malta allura vigenti, w li baqghu in vigore skond id-dispozizzjoni transitorja li tinsab fl-artikolu 28 (2) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta.

(ft) J.G. Galea Debono
Imhallef

John Farrugia
Dep. Registratur